Fuljett ufficjali tal– Mellieha Sports Club



# L-iSports

Frar 2005
Numru 26

# Nissieltu Sa l-Ahhar

Wara li spicca l-ewwel round u sibna ruhna fl-ahhar postijiet tal-klassifika, bqajna determinati u decizi li din is-sitwazzjoni jirnexxielna ndawruha ghall-ahjar.

Issa li bdejna t-tieni round u ighabna tliett partiti, jidher li l-istagun ser ikompli ghax bizzewg draws li akkwistajna kontra Dingli u Santa Venera it-taqtiegha kompliet tikkomplika izjed.

Is-sitwazzjoni issa m'hix xi wahda felici, anzi nista' nanticipa li l-kumplament ta' l-istagun ser ikun taqtigha kontinwa biex jintrebhu punti prezzjuzi li bihom wiehed ikun jista' javvanza xi pozizjoni fil-klassifika.

Ma rridux ninsew li bhalna hemm timijiet ohra li wkoll iridu jevitaw id-dizappunt ahhari akkost ta' kollox u ghalhekk il-glieda ser tkun wahda iebsa u kontinwa.

Ta' nkoraggiment huwa l-fatt li l-atmosfera fl-iskwadra tidher li ghadha wahda ta' ottimizmu. Anke l-attendenza ghat-training hija wahda tajba, filwaqt li l-hegga u l-entuzjazmu ghadhom hemm. Izda rridu nammettu wkoll li matul it-triq ikunu saru zbalji minn kulhadd u issa mhux il-mument li noqoghdu nwahhlu f'dak jew fl-iehor. Issa rridu ninghaqdu fl-imkien aktar minn qatt qabel u nahdmu biex fejn saru xi zbalji nippruvaw nirrangawhom. Flimkien irridu naqbdu u nigbu il- habel tas-salvazzjoni.

Jekk dan ma jsirx, inkunu qed niggravaw issitwazzjoni u tkun aktar difficli u tqila mhux biss ghall-coach u l-players imma wkoll ghalina u ghal ta' warajna. Kulhadd jaf kemm hu difficli biex terga' tibni mill-gdid dak li jkun tfarrak u ghalhekk irridu naghmlu hilitna kollha biex dak li bnejna nibzghu ghalih u nippreservawh.

B'hekk meta jispicca l-istagun inkunu nistghu nharsu lura b'sosdisfazzjon li ta l-anqas inkunu zammejna l-post fejn kienu thabtu biex telghu ta' qabilna.

Dan ghad nistghu naslu ghalih billi lkoll flimkien nibqghu nissieltu sa l-ahhar loghba ta' l-istagun.

*Alfred Vella Borg*
*President*